MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru 106/2000

**Il-Pulizija**

(Spettur Carmelo Magri)

vs

**Samuel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Samuel Camilleri ta’ 28 sena bin Anthony u Frances nee’ Schembri imwieled H’Attard datata tat-twelid 26 ta’ Frar 1971 u joqghod Blk 14A, Flat 1, Fontanier Street, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 529871(M)

Talli:-

1. F’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar xhur, u qabel Mejju 1999 ikkommettejt diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u le gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U talli fit-2 t'April 1999 ghal habta ta' 1:30p.m. mill-Balluta limiti ta' San Giljan ikkommettejt serq ta' komputer 'Laptop' tal-ghamla mhux maghrufa li jiswa aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000 minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni FBF 961, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u l-Magistrat Dr Carol Peralta LL.D. liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa.

3. Talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi kkagunajt hsara jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg mobbli jew immobbli fil-karozza tal-ghamla 'Jeep Korando' bin-numru tar-registrazzjoni FBF 961, liema hsara tiskorri s-somma ta' Lm50 izda inqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tal-Magistrat Dr Carol Peralta LL.D.

4. Talli fit-9 t'April 1999, f'xi hin wara nofs inhar, mill-Imsida ikkommettejt serq ta' mutur tal-bahar tal-ghamla 'Evindrude' li jiswa aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000 minn gewwa residenza sitwata fin-numru 12, Triq Clarence, Msida, ghad-dannu ta' Paul Pace, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

5. Talli fit-18 t'April 1999 f'xi hin matul il-gurnata, mill-Belt Valletta ikkommettejt serq ta' diversi oggetti fosthom Television tal-ghamla Seleco, video recorder, xi oggetti tad-deheb u oggetti ohra li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000 minn gewwa residenza sitwata fin-numru 102, Flat 10, Triq San Duminku, il-Belt Valletta ghad-dannu ta' Tania Busuttil, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

6. Talli fl-istess zminijiet dati, hinijiet u cirkostanzi f'Malta xjentament lqghajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew kkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjetement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

7. Talli tinsab recediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat fis-seduta ta' llum ammetta l-akkuzi migjuba kontrih barra l-akkuza numru sitta (6) u tenna wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni.

Stante ammissjoni issibu hati.

Rat l-artikoli 261,267,263, 271, 269, 325(b), 18, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mid-difiza u l-prosekuzzjoni.

Rat barra l-imsemmija artikoli l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li qieset kollox, filwaqt li ssib l-akkuzat hati tar-reati taht l-imsemmija artikoli, ser tapplika l-artikolu 22 tal-Kap 9 u hekk tilliberah taht l-imsemmi artikoli b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed tfisser bi kliem car lill-hati l-import ta' din is-sentenza u qed taghtih l-ahhar opportunita' biex jaqbad triq tajba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------